# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 15 ta' Lulju 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Omissis**
**Anthony Borg**

**Kumpilazzjoni Nru: 378/2017**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imsemmija Omissis; u

Anthony Borg, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 469377M.

Akkuzati talli:-

1. Fil-05 ta' Settembru 2017 ghall-habta ta l-11:40 ta' filghodu gewwa Triq San Tumas Fgura u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommettew serq ta' gizirana ta' lewn isfar minn fuq il-persuna ta' Marie Louise Busuttil liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeccediex €2329.37 u bil-vjolenza;

2. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarrestaw lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-istess Marie Louise Busuttil kontra l-volonta' taghha, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqghu ghandhom, jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuwhom jew imexxuhom.

Akkuzat Anthony Borg wahdu:-

1. Talli fl-istess cirkustanzi kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' xahar priggunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ghal sentejn moghtija mill-Magistrat Dr. Anthony J. Vella LLD, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar is-27 ta' Frar, 2017;

2. U aktar talli fl-istess cirkustanzi kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' sena priggunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ghal sentejn moghtija mill-Magistrat Dr. Anthony J. Vella LLD, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar is-27 ta' Frar, 2017;

3. Talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.

Akkuzat lil Omissis wahdu:-

1. Talli fl-istess data lok hin u cirkostanzi, u wara li kien gie kkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni b'diversi sentenzi, kien fil-pussess ta' ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi (lieva u/jew ghodda ohra) minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu f'dak iz-zmien;

2. U aktar talli akkuzat li hassar jew sfigura certifikat ta' registrazzjoni ta' vettura jew licenzja ta' vettura bil-mutur jew biddel, hassar dettalji li jkunu mdahhla fihom;

3. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi akkuzat li bi hsieb qarraq, iffalsifika, biddel, uza, ipproduca, ipprovda, jew baghat dokumenti, ghamel stqarrija li jaf li kienet falza jew hassar jew sfigura certifikat ta' registrazzjoni;

4. Kif ukoll akkuzat talli bil-kitba, tpingija jew b'mod iehor, biddel hassar sfigura jew zied xi haga f'licenzja ta' xi vettura bil-mutur, jew qieghed fuq vettura diska ta' licenzja li tkun giet mibdula, tkun hassret, tkun giet sfigurata jew li jkun giet mizjuda xi haga fiha;

5. U aktar talli rrendu ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artiklu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Marie Louise Busuttil kif ukoll ghal familjari taghhom.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BCD 757.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali peremzz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:
1. 42(a)(b)(c)(d)(e), 43, 44, 45(a)(b)(c), 47(a)(b), 467(2), 525(3), 261(a)(c), 262(1)((a)(2), 267, 275, 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. 383, 384, 385, 396 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

8. 7, 8, 17, 20, 23, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh nhar il-5 ta' Settembru 2017 ghall-habta tal-11.40am fi Triq San Tumas Fgura, f'liema incident certu Marie Louise Busuttil sfat vittma ta' *snatch and grab*.

Illi l-imsemmija Marie Louise Busuttil tressqet bhala xhud[1]. Hija tispjega li fil-gurnata u hin in ezami kienet mixja fi Triq San Tumas Fgura u x'hin waslet hdejn spizzerija li hemm f'dik it-triq rat ragel ihares lejha u bdiet tahseb li tafu. Qasmet it-triq u semghet lehen minn warajha jistaqsi jekk tafx lil xi hadd jikri l-karozzi. Hekk kif kienet ser iddur biex tghidlu le, hasset idejh ma sidhirha u gibda ma ghonqha u ndunat li serqliha il-gizirana. Marret tigri warajh u rathu sejjer f'karozza bajda minghajr numru ta' registrazzjoni fuq in-naha ta' wara; x'hin rat il-karozza din kienet qed double parked. Busuttil baqghet sejra l-ghassa tal-pulizija biex taghmel rapport. Hija kienet f'pozizzjoni li taghti deskrizzjoni tar-ragel u tal-hwejjeg li kien liebes. Busuttil qalet ukoll li fil-karozza kien hemm persuna ohra riekeb fil-passenger seat. Busuttil ma setghet taghti l-ebda informazzjoni dwar dan il-passiggier. Busuttil spjegat ukoll li l-gizirana li insterqietilha kellha kurcifiss pendent maghha u b'kollox kienu jiswew xi hames mitt Euro.[2]

Illi xehedu diversi ufficjali tal-pulizija li spjegaw l-investigazzjoni kondotta f'dan il-kaz u kif minn filmat migbud minn CCTV's setghu jistabbilixxu li l-vettura li rat Busuttil kienet Kia Avella b'numru ta' registrazzjoni BCD 757 registrata fuq certu Kevin Borg. Aktar minn hekk mill-filmat seta' jigi nnotat li l-passiggier kien liebes flokk irrigat. Il-pulizija marru fir-residenza ta' Kevin Borg u hemm sabu kemm lil Kevin Borg kif ukoll lil huh Anthony

---

[1] Hija ddeponiet tlett darbiet: fit-22 ta' Settembru 2017, a fol 25 et seq; fit-8 ta' Jannar 2018, a fol 186; u fit-3 ta' Ottubru 2018, a fol 313.

[2] Il-valur gie konfermat minn omm ix-xhud, Josephine Wiffin (depozizzjoni a fop 190 et seq).

Borg, cioe l-imputat. Anthony Borg mill-ewwel mumenti beda jghidilhom li hu m’ghandux x’jaqsam. Borg kien infurma lill-pulizija li huwa kien mar il-poliklinka ta’ Bormla ghalhekk saru verifiki mal-filmati tac-CCTV tal-klinika u gie stabbilit li fil-fatt l-imputat kien liebes flokk l-irrigat. Fi tfixxija ulterjuri li saret aktar tard dak in-nhar f’l-istess residenza, fil-gwardarobba, instab l-istess flokk irrigat li kien l-imputat jidher liebed fil-klinika. Mill-investigazzjoni li ghamlu l-pulizija irrizulta ukoll li l-licenzja ta’ dik il-karozza uzata mill-ahwa Borg kienet irrappurtata mitlufa jew misruqa, u l-licenzja li kellha mwahhla mal-windscreen ma kenitx taghha.

Illi gew esebieti ukoll:

- ic-CCTV recordings mehudin mill-poliklinika u mir-residenza vicin tal-post fejn saret is-serqa;
- stills mehuda minn dawn ic-CCTV recordings;
- il-flokk (identiku ghal dak li jidher fil-filmat) elevat mill-gwardarobba ta’l-imputat;
- tlett sentenzi mghotija fil-konfront ta’l-imputat, kollha mghoitija mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali nhar is-27 ta’ Frar 2017, permezz ta liema dik il-Qorti kkonfermat kundanna, mghotija fi tlett sentenzi mghotija mill-Qorti tal-Magistrati fit-18 ta’ Gunju 2014, ta’ xahar prigunerija sospieza ghal sentejn.
- l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat.

Illi Kevin Borg, hu l-imputat xehed f’dawn il-proceduri[3]. Huwa jikkonferma li kienu ittiehdu proceduri kontra tieghu ukoll in konnessjoni ma’ dan il-kaz[4]. Jghid li ghalkemm l-imputat kien passiggier mieghu fil-karozza kien hu li seraq il-gizirana u li huh ma kellu l-ebda involviment. Jghid li hu u huh kienu fil-karozza tieghu, marru il-poliklinika, u mbaghad marru l-Fgura. Borg jghid li qal lil huh li ha jinzel jixtri pakkett sigaretti, kien hemm mara, ghamel li ghamel, cioe serqilha il-gizirana, mar lura gol-karozza u lil huh ma qallu b’xejn. Hu jinsisti li hu ma kellux il-hsieb li jisraq xi haga ghax hu mar biex jixtri s-sigaretti imma ltaqa ma dik il-persuna u ghamel li ghamel. Aktar minn hekk Borg jinnega li wara li seraq il-gizirana huwa gera lejn il-karozza u jghid li lil huh ma qallux x’kien ghamel qabel ma spiccaw il-habs taht arrest preventiv u ghalhekk wara li bdew il-proceduri odjerni. Mistoqsi diversi drabi ghalfejn fil-kors ta’l-investigazzjoni u anke meta kien qed

---

[3] Depozizzjoni a fol 53 et seq.

[4] Fil-fatt dawn il-proceduri originarjament bdew kontra iz-zewg ahwa Borg; Kevin Borg ammetta u nghata sentenza u l-proceduri komplew fil-konfront ta’ Anthony Borg.

jirrilaxxja l-istqarrija ma nfurmax lil pulizija li huh (cioe l-imputat) ma kellux x'jaqsam u ma kien jaf b'xejn, Borg ma jghati l-ebda twegiba hlif li jghid li dak il-hin hekk hass.

Illi Anthony Borg da parti tieghu jaghti diversi verzjonijiet. Meta mar ma' PS90 Jeffrey Gerada biex issir tfixxija ghall-flokk u dan instab fil-gwardarobba l-imputat qal li dak il-flokk ma kienx tieghu ghax kien zghir ghalkemm il-flokk kien jidher li huwa ta' ragel adult. Aktar minn hekk l-imputat cahad li huwa kien mar il-Fgura dak in-nhar.

Illi f'l-istqarrija[5] li ittiehdet l-ghada ta'l-akkadut, l-imputat jikkonferma li huwa mar il-klinika ta' Bormla fejn dam xi siegha, li mieghu kien hemm huh Kevin, u li marru bil-karozza ta' huh. Jghid ukoll li meta lestew mill-klinika ta' Bormla marru lura d-dar pero ma wiegeb l-ebda domanda dwar kif marru lura id-dar, jekk hux bil-karozza ta' huh u jew b'xi mod iehor, u dwar x'seta' gara minn x'hin telqu mill-klinika sa kemm waslu d-dar. Mistoqsi x'kien liebes il-gurnata ta' qabel jghdi li l-istess hwejjeg li kien liebes dak il-hin ta'l-istqarrija, cioe qmis kulur is-salamun. L-imputat ikkonferma li mir-residenza tieghu l-pulizija hadulu flokk u emfasizza hafna li kien flok bir-rigi "*nadif tazza*" u "*mitwi*". Muri ritratti tal-vettura misjuqa minn huh qal li ma jaghrafhiex. Konfrontat bil-fatt li hu deher fil-filmat tal-klinika bil-flokk irrigat ma irrispondiex. Insista li wara l-klinika marru dritt id-dar hlif li mar jixtri pastizzi minn hanut f' Bormla stess.

Illi meta l-imputat ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti[6] jghid li mar il-klinika ma' huh u meta hargu, huh qallu biex imorru jixtru s-sigaretti; l-imputat kien passiggier fil-karozza ta' huh u kien imheddel. Jaf pero li huh waqaf f'kantuniera, hareg, dar il-kantuniera, u meta gie lura saq il-karozza normali; marru lura Bormla lill-imputat hallieh hdejn tal-pastizzi, dahal go sqaq u ipparkja. Da parti tieghu mbaghad l-imputat tela' d-dar u xi saghtejn wara marru l-pulizija. Jghid li ma kellux idea x'kien ghamel huh. In kontroezami jammetti li kien liebes flokk irrigat; jghid ukoll li ghamel xi siegha bih u ommu hasbitu nadif u qeghditu fil-gwardarobba. Jghid li ma jiftakarx jekk meta huh mar biex jixtri s-sigaretti halliex il-karozza startjata jew le.

Ikkunsidrat

[5] Transkrizzjoni ta'l-istqarrija hija esebieta bhala Dok MM1 a fol 152 et seq.
[6] Depo\zizzjoni a fol 327 et seq.

Illi f'l-ewwel lok ghandhom isiru xi osservazzjonijiet dwar il-kredibilita ta' Kevin Borg u ta'l-imputat.

Illi l-ahwa Borg kienu qeghdin il-klinka ta' Bormla; meta hargu minn hemm Kevin jghid li ried jixtri pakkett sigaretti. L-imputat jghid li kien imheddel tant li bil-kemm jaf x'kien qed jigri madwaru. Pero minflok ma waqfu f'xi hanut Bormla stess biex Kevin jixtri s-sigaretti marru l-Fgura.

Illi Kevin Borg ried jikkonvinci lill-Qorti li din is-serqa ma kenitx ippjanata imma kien kollox ta' dak il-hin u li l-hsieb li jisraq dik il-gizirana ifformulah dak il-hin stess meta, fil-waqt li kien mixi biex jixtri s-sigaretti, ra lil Busuttil. Kevin Borg jghid ukoll li wara li seraq il-gizirana huwa mexa lejn il-karozza u ma geriex; jghid ukoll li huwa saq 'l hemm "*normali*", b'l-implikazzjoni li huh ma kellu ghalfejn jara xejn stramb fil-komportament tieghu. Pero il-filmat tac-CCTV juri lil Kevin jigri b' Marie Louise Busuttil tigri warajh u Busuttil tghid li Borg "*saq b'kemm jiflah*". Kevin Borg jinsisti li huh ma kellu l-ebda involviment fis-serqa li wettaq pero meta kienu it-tnejn arrestati fil-kors ta'l-investigazzjoni ma nfurmax lill-pulizija li huh ma kellu x'jaqsma xejn fil-kaz.

Illi l-imputat f'l-istadji inizjali ta'l-investigazzjoni jichad li huwa kien mar il-Fgura; waqt l-istqarrija ma ta l-ebda informazzjoni fir-rigward u kien biss quddiem din il-Qorti li ammetta dan il-fatt. Ukoll waqt ir-rilaxx ta'l-istqarrija, dwar x'gara meta marru l-Fgura u huh Kevin halla l-karozza double parked fi Triq il-Koppla u mar suppost ghas-sigaretti l-imputat jghid biss li kien imheddel u ma kien jaf  xejn fuq dak li kien qed jigri. Jghid ukol li malli mar id-dar mar jorqod tant kien inheddel. Minkejja din il-heddla kollha pero irnexxielu jmur ghand tal-pastizzi bil-miexi qabel ma mar id-dar. Dwar il-karozza ta' huh meta gie muri ritratti taghha ai fini ta' identifikazzjoni beda jghid li ma jarafhiex ghalkemm dik il-karozza kienet ta' huh u kellha sinjali distintivi, u kien ghadu kif riekeb fiha. Dwar il-hwejjeg li kien liebes, meta saret tfixxija fil-gwardarobba tieghu u nstab il-flokk irrigat li kien jidher fil-filmati tac-CCTV l-imputat qal li dak il-flokk ma kienx tieghu ghax kien zghir minkejja li kien jidher li jintliebes minn adult u li kien jigih. Meta mbaghad kien qed jirilaxxja l-istaqarrija huwa qal li l-gurnata ta' qabel (cioe meta saret is-serqa) hu kien liebes qmis kulur is-salamun (il-qmis li kien liebes dak il-hin ta'l-istqarrija) u li l-flokk irrigat sabuh fil-gwardarobba mitwi u nadif tazza, b'l-implikazzjoni li dak il-flokk

ma kienx intliebes il-gurnata ta qabel u allura l-persuna li raw il-pulizija fil-filmati ma setghax ikun hu.

Illi dawn il-fatturi kollha jimmilitaw kontra l-kredibilita ta'l-ahwa Borg li taw verzjoni li ghandha mill-inkredibbli u li ma tistax titwemmen f'hafna aspetti.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jigi addebietat b'komplicita f' serq aggravat bil-vjolenza u l-valur; sekwestru ta' persuna; ricettazzjoni; kommissjoni ta' reat waqt il-perjodu operattiva ta' zewg sentenzi sospiezi; u recidiva.

Illi jibda biex jinghad li fic-citazzjoni l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat kienet dik ta' serq aggravat bil-vjolenza u l-valur. Fil-paragrafu (1) tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju pero l-Avukat Generali jiccita ukoll l-artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali u l-mod kif din in-nota tiddefinixxi jew tirridimensjona l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' persuna imputata, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali esprimiet ruhha hekk:

> *Meta, ... ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 ... ... , in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat. ........; Issa, fil-kaz in dizamina, l-Avukat Generali rrinvija .... skond l-Artikolu 370(3); ghalhekk ma jistax jippretendi li l-Qorti ... setghet issib lill-appellat hati ta' xi reat iehor, salv, naturalment, dak li ghadu kif*

> *inghad dwar it-tentattiv, ir-reat anqas gravi izda kompriz u involut, u l-komplicita.*[7]

Illi tenut kont ta’ dan u tenut kont ta’ liema artikoli tal-Kapitolu 9 gew citati mill-Avukat Generali huwa car li l-imputazzjoni li biha qed jigi addebietat l-imputat hija komplicita f’serq aggravat bil-vjolenza u valur.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi processwali jirrizulta ampjament li nhar il-5 ta’ Settembru 2017 Kevin Borg seraq gizirana li kienet liebsa Marie Louise Busuttil billi gibed din il-gizirana. Jirrizulta ukoll li dak in-nhar Kevin Borg kien ilu ma huh l-imputat ghaliex kienu marru l-poliklinika flimkien fejn damu xi siegha. Wara marru il-Fgura fejn Kevin Borg halla l-karozza double parked fi Triq il-Koppla b’l-imputat fiha, mexa lejn triq San Tumas, x’hin ghaddiet Busuttil hatfilha l-gizirana, telaq jigri, dahal fil-karozza u saq ’l hemm b’velocita. Marru lura Bormla u l-imputat waqaf jixtri pastizzi u mbaghad mar id-dar.

Illi r-reat li fih l-imputat qed jigi akkuzat li huwa komplici huwa serq aggravat bil-vjolenza u l-valur.

Illi kemm Marie Louise Busuttil kif ukoll ommha jikonfermaw li dik il-gizirana bil-kurcifiss jiswew xi hames mitt Euro u jispjegaw kif waslu ghal dan il-valur. Il-Qorti, anke wara li rat ir-ritratti tal-giziriana[8] tara li m’hemmx raguni ghalfejn ghandha tiddubita li dak huwa l-valur tal-gizirana. Konsegwentement il-Qorti hija sodifsfatta li l-aggravju tal-valur gie pruvat.

Illi dwar l-aggravju tal-vjolenza l-Avukat Generali jiccita l-artikolu 262(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; ai termini ta’ din id-dispozizzjoni serq jkun kwalifikat bil-vjolenza meta:

> *jsir flimkien ma’ omiċidju, ma’ offiża fuq il-persuna, jew ma’ sekwestru tal-persuna, jew ma’ theddid, bil-miktub jew bil-fomm, ta’ omiċidju, jew ta’offiża fuq il-persuna jew ta’ ħsara fil-proprjetà*

---

7 Ref Il-Pulizija vs Michael Carter deciza 7 ta’ Dicemebru 2001.
8 Ritratti esebiti bhala Dok SZ6 U Dok SZ7 a fol 297.

Illi tenut kont ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat jidher li mid-diversi possibilitajiet elenkati f'din id-dipozizzjoni l-prosekuzzjoni qed tibbaza l-aggravju tal-vjolenza fuq l-allegat sekwestru ta' Busuttil.

Illi ai termini ta' l-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali jkun hati tar-reat ta' sekwestru ta' persuna:

> *kull min, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata…*

Illi l-Professur Sir Anthony Mamo meta ikun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid[9]:

> *the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid, para 323) …Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested."*

Illi ghalhekk jidher li biex jissussisti r-reat in ezami jehtieg li persuna tigi privata mill-liberta taghha. Antolisei jghallem li:

> *Si rende responsabile di questo reato chiunque priva taluno della liberta personale. .....*
>
> *L'elemento oggettivo consiste nella privazione della liberta personale, la quale va intesa in senso restrittivo, e cioe come liberta spaziale o liberta di muoversi nello spazio (livberta di locomozione). ...............*

---

[9] Notes on Criminal Law Part II pagna 40.

*Le fattispecie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta' non é totale ma occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. É necessario per altro che la perdita' della liberta' si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo.*[10]

Illi fil-kaz in ezami Marie Louise Busutill qatt ma giet mizmuma minn Kevin Borg. Borg fil-fatt bil-kemm messha ghaliex hija kull ma hasset kien idejh ma sidirha; hija hasset ukoll tigbidha meta Borg gebbed il-gizirana. Apparti dan Busuttil f'l-ebda hin ma kienet mizmuma jew mwaqqfa bil-forza, ghalhekk fit-termini tal-principji fuq imsemmija ma jistax jinghad li kien hemm xi hin *di certo rilievio* meta Busuttil giet privata mill-liberta taghha.

Illi tenut kont ta' dan u tenut kont li mill-fatti tal-kaz ma tirrizulta l-ebda cirkostanza li tista taqa' fid-definizzjoni ta' "vjolenza" fuq kwotata ma jistax jinghad li dan l-aggravvju jissussisti.

Illi ghalhekk s-serq kommess fil-kaz in ezami huwa wiehed kwalfikat biss bil-valur.

Ikkunsidrat

Illi dan stabbilit il-mistoqsija li trid tigi interposta issa hija jekk l-imputat Anthony Borg kienx komplici ma huh Kevin Borg f'dan ir-reat.

Illi d-dottrina u l-gurisprudenza in tema ta' komplicita hija ben stabbilita. Il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li:

*A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence*[11].

Illi fil-fatt il-paragrafi (d) u (e) ta'l-artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu hekk:

---

[10] Manuele Di Diritto Penale Paret Speciale I pagna 155/156.
[11] Notes on Criminal Law Vol I pagna 124.

*Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija -*
*(c)..... xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew*
*(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah.*

Illi dwar il-komplici l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tghid li:

*Il-kompliċi huwa dak li għalkemm ma jipparteċipax materjalment fis-serqa, jagħmel xi ħaġa, bi ftehim magħhom, jiġifieri jkun hemm ftehim minn qabel magħhom, biex jgħinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, .... L-importanti huwa naturalment li jkun hemm ftehim minn qabel.*[12]

Illi dwar il-prova necessarja biex tirrizulta imputazzjoni ta' komplicita f'reat imwettaq minn persuna ohra huwa stabbilit fil-gurisprudenza li jrid jirrizulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni ... li l-imputat (i) kien jaf li l-awtur kien ser iwettaq id-delitt u (ii) li hu deliberatament ghenu biex hekk iwettaq id-delitt billi ghamel xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li l-imputat mar ma' l-awtur, u anke kien fuq il-post waqt li dan wettaq id-delitt in kwistjoni, ma jfissirx necessarjament li hu kien jaf x'kellu f'mohhu. Il-Qorti ta'l-Appell Kriminali pero iccarat li:

*Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur,* ***anke jekk biss moralment***[13]*, biex iwettaq dak id-delitt*[14]*.*

Illi ghalhekk, applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami, dak li jrid jigi pruvat hu li l-imputat kien jaf x'kellu f'mohhu huh Kevin u li hu ghenu, imqar moralment, fit-twettieq ta' dan il-pjan.

---

[12] Ref Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deciza 29.09.2004.
[13] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[14] Ref Il-Pulizija vs Carmelo Agius deciza 24.02.2002.

Illi f'dan l-istadju din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel referenza ukoll ghall-principji li ghandhom jigwidawha meta qed tiddetermina jekk kienx jezisti l-common design bejn l-ahwa Borg. Fil-kawza The Republic of Malta vs Steven John Lewis Marsden[15] saret referenza ampja ghal dawn il-principju li jemergu primarjament mid-dottrina ingliza in tema:

> *..... as Timothy Jones and Michael Christie point out in the second edition of Criminal Law: "**Proof of the agreement essential to a criminal conspiracy will generally be inferential. Sometimes overt acts will have been committed by some or all of the accused, but this will not always be the case**. But even if there have been some such overt acts, **the existence of mens rea, in the form of an agreement and commitment to the criminal purpose of the conspiracy, will have to be proved by inference**. For example, if a group of men is apprehended wearing masks and carrying weapons while sitting in a car outside a bank, there is a clear inference to be drawn that there is an agreement to rob the bank. The group is unlikely to be there for any other purpose. Lord Justice-Clerk Grant pointed out to the jury in H.M. Advocate v. Wilson, Latta and Rooney (1968): "**You won't often get eye-witnesses of the agreement being made or eavesdroppers who actually hear it being made. Accordingly, in many cases it is a question of judging from the acts of the alleged conspirators whether in fact there was a conspiracy between them in pursuance of which they are acting**[16]**.**"*

Illi fil-kaz in ezami m'hemmx prova diretta ta' xi ftehiem bejn l-ahwa Borg pero fil-fehma tal-Qorti hemm provi indizjarji sufficjenti li ghandhom iwasslu ghal-konkluzzjoni wahda u cioe li l-imputat kien jaf b'dak li kien ser jaghmel huh Kevin u li huwa ghenu moralment u bil-prezenza tieghu u anke sahhah il-volonta tieghu.

Illi kif diga ntqal hija assolutament inverosimili l-verzjoni mghotija miz-zewg ahwa Borg li huma marru l-Fgura biex Kevin jixtri sigaretti. Dan

[15] Deciza 02.11.2009.

[16] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti. Ghandu jigi rilevat ukoll li l-kawza kwotata (The Republic of Malta vs Steven john Lewis Marsden) tirreferi ghal *conspiracy* f'reati kontemplati fil-Kapitoli 31 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta pero l-principi japplikaw b'l-istess mod ghall-common design rikjest f'komplicita f'kwalunkwe reat iehor.

ghaliex huma kienu qeghdin Bormla fejn facilment setghu jixtru sigaretti u ma kellhomx ghalfejn imorru l-Fgura partikolarment meta l-imputat jallega li huwa tant kien imheddel li bil-kemm kien jaf x'kien qed jigri madwaru.

Illi fattur iehor relevanti hafna huwa dak li jghidu jew ma jghidux l-imputat u huh wara l-akkadut. Jekk l-imputat verament ma kellu xejn x'jaqsam u ma kellu l-ebda xjenza ta' dak li kien qed jaghmel huh, wiehed kien jippretendi li Kevin Borg kien ser jghidilhom immedjatament lill-pulizija u mhux ihalli lil huh arrestat ghalxejn u minghajr l-ebda htija "ghax dak il-hin hekk hass".

Illi anke l-komportament ta'l-imputat huwa inkriminanti. Huwa jghid li sar jaf b'certezza b'dak li ghamel huh meta kienu qeghdin il-habs wara li nbdew il-proceduri odjerni[17]. Fil-hin ta' qabel huwa kien ghadu b'l-impressjoni li huh ma kien ghamel xejn hazin ghaliex sa fejn kien jaf hu marru l-Fgura biex jixtri sigaretti u kien propju dak il ghamel huh meta hareg mill-karozza. Minkejja li l-imputat jrid li jitwemmen meta jghid li sa fejn kien jaf hu f'dawk il-mumenti huh ma kien ghamel xejn hazin u allura lanqas hu ma seta kien involut f'xi haga illegali, beda jinnega li marru l-Fgura u beda jinnega li huwa kien liebes il-flokk irrigat. L-imputat jghid ukoll li ma ra xejn stramb fil-komportament ta' huh meta gie lura fil-karozza wara mar biex jixtri s-sigaretti; dan jghidu minkejja li huh gie jigri b'mara tigri warajh u meta saq, saq 'l hemm b'velocita. Fattur iehor ta' certa relevanza huwa li l-karozza ta' li kienu qed juzaw ma kellhiex il-pjanca bin-numru ta' registrazzjoni fuq in-naha ta' wara.

Illi tenut kont tas-suespost il-Qorti hija konvinta li l-imputat kien jaf ezattament x'kien ser jaghmel huh u li marru l-Fgura propju biex issir is-serqa. Il-Qorti hija konvinta ukoll li l-imputat mhux biss kien konsapevoli ta' dak lil kien ser jaghmel huh imma bil-prezenza tieghu sahhahlu l-volonta u ghenu moralment.

Illi ghalhekk il-Qort hija sodisfatta li l-imputat kien komplici ma' huh Kevin Borg fit-twettieq tar-reat ta' serq aggravat bil-valur.

Ikkunsidrat

---

[17] Huwa normali li mal-mument ta'l-arrest persuni involuti f'l-istess akkadut jinzammu separati b'mod li ma jkunx hemm kuntatt bejniethom.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar sekwestru ta' persuna.

Illi ghar-ragunijiet imsemmija fil-kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel imputazzjoni din it-tieni imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f'l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe ricettazzjoni.

Illi huwa car li din l-imputazzjoni ingiebet bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni dwar serq. La darba l-imputat qed jinstab hati ta'l-ewwel imputazzjoni l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-tielet imputazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi permezz tar-raba u l-hames imputazzjonijiet l-imputat qed jigi addebietat bil-kommissjoni ta' reat fil-perjodu operativ ta' zewg sentenzi sospiezi mghtoija fit-18 ta' Gunju 2014 u t-tnejn konfermati mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-27 ta' Frar 2017.

Illi permezz tas-sitt imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-recidiva.

Illi in sostenn ta' dawn l-imputazzjonijiet l-prosekuzzjoni prezentat tlett sentenzi mghotija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Frar 2017.

Illi dawn is-sentenzi inghataw fuq appell minn degrieti tad-9 ta' Marzu 2015 permezz ta' liema iddahhlu fis-sehh tlett sentenzi sopsiezi mghotija fil-konfront ta' l-imputat fit-18 ta' Gunju 2014 meta l-imputat kien gie ikkundannat xahar prigunerija sospiz ghal sentejn[18].

Illi s-sentenzi mghotija f'l-appell 142/2015 (Dok SZ2) u f'l-appell 141/2015 (Dok SZ4) hassru d-degrieti mghotija fid-9 ta' Marzu 2015, u estendiet iz-zmien li fih l-imputat kellu jhallas is-somma hemm indikata.

[18] F'wahda mis-sentenzi l-perjodu operativ kien ta' sena mhux sentejn.

Illi s-sentenza mghotija f'l-appelli 140/2015 (Dok SZ3) hassret d-degriet mghoti fid-9 ta' Marzu 2015 u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-parte civile biex l-imsemmija sentenza tigi reza ezekuttiva.

Illi kif intqal dan is-sentenzi inghataw mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-27 ta' Frar 2017; il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew fil-hamsa ta' Settembru 2017 ghalhekk zgur entro il-perjodu ta' sena mid-data tas-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell, konsegwentement ir-raba u l-hames imputazzjonijiet jirrizultaw sodisfacjentement pruvati.

Illi r-recidiva hija regolata permezz ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; fil-kaz in ezami, u minhabba li sentenzi li fuqhom hija bazata l-imputazzjoni huma sentenzi sospiezi, allura determinanti ukoll huma l-artikoli 28A(5A) u 28F tal-Kapitolu 9.

Illi l-artikolu 49 jistabbilixxi meta persuna ghandha titqies recidiva: cioe jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, tagħmel reat ieħor. L-artikolu 50 imbaghad jistabilixxi li, skond ic-cirkostanzi hemm stabbiliti, il-piena mghotija fil-konfront ta'l-imputat recidiv tista tizdied bi grad. Dan l-artikolu 50 jipprovdi li:

> *Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin* ***minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena***[19]*, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi ghalhekk biex imputat jigi kunsidrat recidiv ai fini ta' dan l-artikolu 50 l-imputat irid ikun ikkommetta reat wara li skonta il-perjodu ta' prigunerija gia impost fuqu.

Illi l-artikolu 28(5A) jipprovdi li:

> *Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 28F il-piena mogħtija f'sentenza sospiża meta dik is-sentenza ma tkunx daħlet fis-seħħ għandha, għall-finijiet tal-artikolu 50, titqies li tkun ġiet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv...*

[19] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

Illi l-artikolu 28F mbaghad jipprovdi hekk:

> *Meta l-qorti tkun qegħda tittratta ma' ħati dwar reat, li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, hija għandha tqisu bħala reċidiv fit-tifsir ta'l-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jistħoqq għal dak ir-reat l-ieħor, iżda l-piena mogħtija fis-sentenza sospiża ma għandhiex titqies għall-finijiet tal-artikolu 50* ***ħlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet isseħħ u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew maħfura***[20].

Illi ghalhekk sentenza sospieza ghandha titqies bhala kundanna ai fini ta'l-artikolu 49 pero ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta'l-artikolu 50 qabel l-iskadenza tal-perjodu operativ jew, jekk issir effettiva, meta tkun giet skontata l-piena.

Illi la darba ir-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat f'l-ewwel imputazzjoni sehh fil-perjodu operativ tas-sentenzi fuq imsemmija allura l-imputat ghandu jitqies recidiv ai fni ta'l-artikolu 49 izda mhux l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra l-involviment ta'l-imputat bhala komplici ma' huh fit-twettieq tar-reat imsemmi f'l-ewwel imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, u fil-waqt li ma ssibux hati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 42(d)(e), 261(c) u 267 issibu hati ta'l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal komplicita f'serq aggravat biss bil-valur, tar-raba u tal-hames imputazzjoniijiet, u tas-sitt imputazzjoni in kwantu huwa recidiv ai termini ta'l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 u tikundannah **sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tlett (3) snin**; il-Qorti qed taghzel li ma titrattax ma l-imputat ghar-reat li tieghu kien instab hati bis-sentenzi sospiezi tat-18 ta' Gunju

---

[20] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

2014 konfermati mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-27 ta' Gunju 2017. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed **tordna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur is-somma ta' erbgha u hamsin Euro u sitta u disghin centemzu (€54.96)** rapprezentanti spejjez rinkorsi ta' periti nominati fil-kors ta' dawn il-proceduri. In konkluzzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 23 ta'l-istess Kapitolu 9 qed **tikkonfiska favur il-Gvern il-vettura ta' tip Kia Avella b'nurmu ta' registrazzjoni BCD 757** esebita formalment f'l-atti ta' dawn il-proceduri.

Il-Qorti spjegat lill-imputa fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommettireat iehor fi zmien tlett snin.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**